MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 1600/2001/1

**RS2 International (Malta) Limited**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003 li permezz taghha cahdet it-talba tas-socjeta` RS2 International (Malta) Limited. Permezz ta' rikors ipprezentat fit-3 ta' Ottubru 2001 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, is-socjeta` appellanti (allura rikorrenti) qalet u talbet hekk:

**"Illi b'ittra ufficjali tal-14 ta' Settembru 2001 minghand l-intimat, il Kontrollur tad-Dwana, li giet notifikata lill-esponenti fis-17 ta' Settembru 2001, l-esponenti giet interpellata thallas is-somma ta' sbatax-il elf u erbgha u sittin liri Maltin (Lm17,064) allegatament dovuti bhala dazju, levy, u VAT fuq importazzjoni ta' computers u accessorji u ghamara li sehhet bejn l-1993 u l-1999, skond skeda li giet annessa ma' l-istess ittra;**

**"Illi l-attur** [recte: rikorrent] **qed jopponi ruhu ghall-hlas tal-fuq imsemmi ammont u dana ai termini tal-artikolu 466 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);**

**"Illi l-ammont reklamat mill-intimat mhuwiex dovut mill-esponenti u dana ghas-segwenti ragunijiet u cjoe':-**

**"In linea preliminari s-status tal-kumpanija esponenti fil-perjodu ndikat mill-intimat fl-ittra ufficjali tieghu, kienet tali li jippermetti l-importazzjoni ta' oggetti ghall-uzu proprju taghha minghajr ma thallas dazju, jew VAT fuqhom;**

**"Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess l-importazzjoni tal-oggetti in kwistjoni saru minn persuna jew persuni li ma kienux la awtorizzati jirrapprezentaw lis-socjeta` attrici, u anzi saru b'mod frawdolenti minghajr il-konoxxenza, u ghad-detriment, ta' l-istess kumpanija;**

**"Ghaldaqstant, l-esponent jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba tal-intimat kif dedotta f-limsemmija ittra ufficjali tal-14 ta' Settembru**

**2001, bhala nfondata, u dan ghar-ragunijiet premessi. Bl-ispejjez kontra l-intimati.”**

Permezz ta’ risposta prezentata fit-18 ta’ Ottubru 2001[1], l-intimat (appellat odjern) Kontrollur tad-Dwana wiegeb hekk:-

**“Illi fl-ewwel lok, l-esponent fit-talba tieghu permezz tal-ittra ufficjali datata 14 ta’ Settembru 2001 agixxa fil-mertu ai termini tal-artikolu 33(2) tal-Kap 330, u ghalhekk it-talba tieghu kontra r-rikorrent ghall-hlas ta’ dazju, levy, u VAT hija gustifikata u skond il-ligi.**

**“Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dokumenti pprezentati lill-esponent ghall-importazzjoni tal-merkanzija in kwistjoni kienu kollha jgibu l-isem tas-socjeta’ RS 2 International (Malta) Limited, u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz. L-esponenti ma tidholx fi kwistjoni ta’ min ghandu r-rapprezentanza tal-kumpanija u ghalhekk it-tieni argument tar-rikorrent huwa kwistjoni bejn terzi u estranea ghall-esponent u t-talba tieghu fl-ittra ufficjali.**

**“Illi ghalkemm iz-zewg argumenti tar-rikorrent huma minghajr pregudizzju ghal xulxin, l-esponent jixtieq jirrileva li dawn jipprezentaw cirkustanzi kontradittorji ghal xulxin, peress li s-socjeta’ rikorrenti ghal zmien twil gawdiet minn ezenzjoni mit-taxxi fl-importazzjoni minhabba l-istatus taghha, u dan minghajr ma qatt qajmet il-kwistjoni li l-importazzjoni saret minn persuna mhux awtorizzata. Kien biss meta l-esponent ghamel it-talba tieghu ghall-hlas ta’ taxxi, li tqajmet din il-kwistjoni.**

**“Illi fi kwalunkwe kaz, id-dritt tal-esponent ghall-hlas ta’ taxxi kif dedott fl-ittra ufficjali tal-14 ta’ Settembru 2001 huwa skond il-ligi u ghalhekk l-esponent ghandu kull dritt jivvantah.**

---
[1] Fol. 93.

**“Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u tiddikjara li l-esponent kiseb titolu ezekuttiv permezz tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Settembru 2001, u dan bl-ispejjez u bl-imghax kontra r-rikorrenti.”**

**Is-sentenza appellata**

**2.** Permezz ta’ decizjoni moghtija fit-30 ta’ Ottubru 2003, l-ewwel Qorti cahdet it-talba tas-socjeta` rikorrenti u kkonkludiet effettivament li l-ammont ta’ sbatax-il elf u erbgha u sittin lira Maltija (Lm17,064) huwa dovut mis-socjeta` appellanti in kwantu ladarba l-kumpanija offshore giet konvertita f’wahda privata kien ifisser li l-merkanzija u l-proprjeta` in kwistjoni giet trasferita lill-persuna legali residenti Malta u ghalhekk l-oggetti importati li kienu originarjament ezenti mill-hlas ta’ dazju saru jappartjenu lill-persuna residenti Malta. Ghaldaqstant, skond l-ewwel Qorti, kien sehh trasferiment tal-proprjeta` lill-persuna residenti f’Malta u b’hekk dahal fis-sehh il-proviso tal-Artikolu 33(2) tal-Kap. 330 tal-Ligijiet ta’ Malta li kien ifisser li kellu jithallas id-dazju.

**Kwadru tal-fatti**

**3.** Il-fatti saljenti tal-kaz huma in sintesi s-segwenti:-

1. Is-socjeta` appellanti kienet originarjament giet registrata bhala *general trading offshore company* **fil-5 ta’ April 1993**[2], u dan konformement ma’ dak li kien jipprovdi l-Att dwar l-Attivitajiet Kummercjali Internazzjonali ta’ Malta (Att XXXIV ta’ l-1988 kif sussegwentement emendat – illum il-Kap. 330 [Malta Financial Services Authority Act] tal-Ligijiet ta’ Malta).
2. Fiz-zmien li l-kumpanija kienet *offshore company* ibbenefikat minn ezenzjoni minn dazju meta mportat kompjuters, ghamara u accessorji, imporazzjoni li sehhet matul is-snin 1993 sa 1999[3]. Din l-ezenzjoni kienet kontemplata taht l-Artikolu 33(2) tal-ligi fuq imsemmija kif

[2] Fol. 68.
[3] Fol. 98-99.

allura kienet qabel l-emendi li wasslu ghat-trasformazzjoni ta' dik il-ligi fil-*Malta Financial Services Centre Act* (Kap. 330 tal-Ligijiet ta' Malta) kif inhi llum.

3. Sussegwentement, permezz ta' rizoluzzjoni straordinarja[4] gie deciz li l-kumpanija ma tibqax *offshore* u tkompli bhala kumpanija b'responsabbilta` limitata taht l-Att dwar il-Kumpaniji. Il-kumpanija giet konvertita minn *offshore* ghal wahda *onshore* b'sehh mis-7 ta' Frar 2000. Din il-konverzjoni li saret in forza tal-Artikolu 60 tal-Malta Financial Services Centre Act ( kif kien jissejjah, f'perjodu intermedjarju, il-Kap. 330 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. Permezz ta' ittra datata 22 ta' Mejju 2000[5] il-Malta Financial Services Centre ta avviz lill-appellat li l-kumpanija kienet saret *onshore* u li kienet importat f'Malta *"various items free of customs duty for its own use and purpose, as provided in section 33(2) of the Malta Financial Services Centre Act, Cap. 330"*.

5. Permezz ta' ittra ufficjali pprezentata fl-14 ta' Settembru 2001[6] l-appellat kien interpella lis-socjeta` appellanti sabiex thallas is-somma ta' sbatax-il elf u erbgha u sittin lira Maltija (Lm17,064) dovuti bhala dazju, levy u taxxa fuq il-valur mizjud fuq importazzjoni ta' kompjuters u accessorji u ghamara li sehhet bejn is-snin 1993 u 1999. Dan l-att gudizzjarju gie pprezentat skond l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

**L-appell tas-socjeta` RS2 International (Malta) Limited**

**4.** B'rikors ipprezentat fit-18 ta' Novembru 2003, RS2 International (Malta) Limited appellat mis-sentenza tal-Prim Awla tat-30 ta' Ottubru 2003 aktar 'l fuq imsemmija. L-aggravju tal-kumpanija appellanti huwa essenzjalment li l-bidla minn kumpanija *offsore* ghall-kumpanija privata taht l-Att dwar il-Kumpaniji bl-ebda mod ma kienet tfisser jew tista' tigi nterpretata bhala xi holqien ta' persuna guridika gdida u/jew differenti. Il-kumpanija baqghet l-istess wahda u ghalhekk ma sehh l-ebda trasferiment ta' proprjeta`.

---

[4] Fol. 60.
[5] Fol. 108.
[6] Fol. 95.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**5.** Jibda biex jinghad li ma hemm l-ebda kontestazzjoni fuq il-fatti *per se* tal-kaz. L-ezenzjoni li nghatat is-socjeta` appellanti kienet ai termini ta' l-Artikolu 33(2) tal-Kap. 330 li kien ighid hekk:-

***"Ghamara, taghmir u materjal iehor mehtieg minn kumpanija offshore u impurtat f'Malta ghall-uzu u ghall-iskop taghha nnifisha, u oggetti personali wzati ta' xi ufficjal jew impjegat tal-kumpanija mhux residenti f'Malta, impurtati f'Malta mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta tkun ittiehdet residenza f'Malta, jistghu jigu hekk impurtati minghajr il-hlas tad-dwana: Izda dak id-dazju ghandu jithallas fuq kull haga li tigi mpurtata minghajr il-hlas tad-dazju taht dan is-sub-artikolu jekk u meta dik il-haga tinbiegh, tigi assenjata jew mod iehor tigi trasferita lil persuna residenti f'Malta"***.

**6.** Kumpaniji *offshore* dahlu fis-sehh permezz tal-Att dwar l-Attivitajiet Kummercjali Internazzjonali ta' Malta (Att XXXIV ta' l-1988 kif sussegwentement u diversi drabi emendat – Kap. 330 tal-Ligijiet ta' Malta). Permezz ta' l-Artikolu 60 tal-Malta Financial Services Centre Act (Kap. 330 tal-Ligijiet ta' Malta) kumpaniji *offshore* inghataw il-fakolta' li ma jkomplux jkunu *offshore*. L-Artikolu kien jaqra:-

*"**60.** (1) Meta kumpanija offshore tavza lic-Centru bil-miktub sa disa' snin mid-data rilevanti li tixtieq ma tibqax tali kumpanija, ic-Centru jista', jekk jidhirlu li jkun hekk xieraq, jawtorizza lill-kumpanija offshore bil-miktub sabiex hija ttemm milli tkun kumpanija offshore minn dik id-data li tigi stabbilita mic-Centru fid-diskrezzjoni assoluta tieghu. Meta that id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-kumpanija offshore tkun obbligata jkollha kumpanija nominee bhala direttur wahdieni jew segretarju, l-avviz fuq imsemmi ghandu jinghata mill-kumpanija nominee ghan-nom tal-kumpanija offshore.*

*(2) L-effetti ta' awtorizzazzjoni moghtija bis-sahha tas-subartikoli ta' qabel dan ghandhom ikunu dawn li gejjin:*

*(a) il-kumpanija offshore ghandha ttemm milli tkun kumpanija offshore sa mid-data msemmija qabel u li tigi stabbilita mic-Centru;*
*(b)* ***il-kumpanija offshore m'ghandhiex tigi xjolta*** *billi ttemm milli tkun kumpanija offshore; u*
*(c)* ***id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ghandhom itemmu japplikaw ghall-kumpanija sa mid-data meta l-kumpanija ttemm milli tkun kumpanija offshore****:*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11, ta' l-artikolu 12 u ta' l-artikolu 38 ta' dan l-Att ghandhom jibqghu japplikaw ghar-rigward ta' transazzjonijiet u attivitajiet tal-kumpanija li jkunu saru qabel id-data meta l-kumpanija ttemm milli tkun kumpanija offshore."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

**7.** Minn qari tal-ligi huwa cjar li l-legislatur kellu l-intenzjoni li jaghti beneficcju lil dawk il-kumpaniji li kienu *offshore*. Skond il-gurisprudenza lokali, *"l-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet li fihom esprimew il-fehma taghhom dwar l-"interpretazzjoni" tal-ligi meta l-istess ligi tkun apparentement cara. Hekk per ezempju f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet* **Avukat Dr. Anthony Pullicino et vs Sir David Campbell ne.** *deciza fit-23 ta' Mejju 1947 (Vol. XXXIII.i.103), inghad:-* ***"…… mhux ezatt il-principju espost mill-appellanti illi meta l-kelma tal-legislatur hija cara (f'dan il-kaz hija cara l-art 3 bix tkun eskluza azzjoni) ma tistax tezamina r-'ratio legis', ghaliex kif din il-Qorti rriteniet in re Ing. G. Vincenti vs Edgar Staines ne fil-25 ta' Ottubru 1940 (Appell Civili), 'il principio ubi nulla ambiguitas verborum est non est facienda voluntatis quaestio deve cedere all'altro principio d'interpretazione, che cioe` non mens verbis sed verba menti servire debent, perche` altrimenti nascerebbe conflitto tra il pensiero certo del legislatore e la parola della legge. L'interpretazione logica non ha unicamente un ufficio sussidiario all'interpretazione letterale, e <u>l'intenzione del legislatore deve prevalere</u>".*** (p. 107)" (Sentenza

moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet ***George Agius et vs Carmel V. Schembri noe*** fl-14 ta' Lulju 2005). F'din l-istess sentenza l-Qorti kkonfermat li meta wiehed ikun qieghed jinterpreta l-ligi ghandu jfittex ghall-ispirtu tal-ligi.

**8.** Minn qari tal-Artikolu 33(2) jidher bic-car li l-intenzjoni tal-legislatur kienet li jezenta mill-hlas ta' dazju dawk il-kumpaniji *offshore* li jimpurtaw *"ghamara, taghmir u materjal iehor"* li jkun mehtieg ghall-uzu u skop taghha. Din kienet wahda mill-incentivi li ntroduca l-legislatur biex ihajjar ir-registrazzjoni ta' dawn it-tip ta' kumpaniji f'Malta. Fl-istadju tal-appell is-socjeta` appellanti argumentat li l-kumpanija appellanti ghalkemm ma baqghetx *offshore*, baqghet l-istess persuna guridika u ghalhekk l-ebda dazju ma kien dovut ghaliex il-proviso ghall-Artikolu 33(2) jipprovdi ghall-hlas tad-dazju biss fejn ***"il-haga tinbiegh, tigi assenjata jew mod iehor tigi trasferita lil persuna residenti f'Malta"*.** Ghalkemm huwa minnu li l-kumpanija appellanti ma gietx xjolta bil-fatt li ma baqghetx kumpanija *offshore*, bla dubju ta' xejn l-ispirtu tal-ligi hu li l-beneficcju kellu jitgawda minn kumpaniji *offshore* li jkunu qeghdin jaghmlu uzu mill-oggetti. Li kieku kien mod iehor kien ikun facli hafna li wiehed jahrab mill-obbligu tal-hlas ta' dazju billi jikkonverti l-kumpanija f'wahda *onshore* u minflok ibiegh l-oggett jittrasferixxi biss l-ishma fil-kumpanija biex jahrab il-hlas tad-dazju. Ghalkemm is-socjeta` appellanti targumenta li ligijiet fiskali ghandhom jigu applikati restrittivament, min-naha l-ohra lanqas m'ghandhom jinghataw interpretazzjoni b'mod li jistghu jwasslu ghal dawn it-tip ta' anomaliji li zgur li l-legislatur qatt ma setgha kellu l-intenzjoni li jsehhu. Bla dubju meta l-kumpanija appellanti saret *onshore* ma setghetx tibqa' tgawdi u tinvoka l-beneficcji li kienet taghti l-Malta Financial Services Centre Act u qabilha l-Att dwar l-Attivitajiet Kummercjali Internazzjonali ta' Malta, u dan fi kliem l-Artikolu 60(2)(c) tal-istess ligi, hawn aktar 'l fuq riprodott. Ghalhekk b'effett mis-7 ta' Frar 2000, data tal-konverzjoni minn kumpanija *offshore* ghal *onshore*, is-socjeta` appellanti ma setghetx tibqa' tinvoka u tircievi l-beneficcji li johorgu mill-Kap. 330 u li kienu **japplikaw biss** ghall-kumpaniji ***offshore***.

**<u>Decide</u>**

**9.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mis-socjeta` RS2 International (Malta) Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------